

# Eku mill-Passat...
# 50 Sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tat-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali - 1978 - 2018

Tagħrif miġbur minn Keith Muscat

Meta fl-1904 tlesta l-bini ta' knisja ġdida ddedikata lil Marija SSMA Addolorata f' San Pawl il-Baħar, grazzi għall-ġenerożita' tal-Markiża Anna Bugeja, ħafna kienu dawk li kkummentaw li l-knisja l-ġdida kienet kbira wisq għall-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar, li dak iż-żmien kienet iffurmata minn anqas minn mitejn resident. Din il-knisja ġiet elevata għall-Parroċċa b'digriet tal-Isqof Pietru Pace li jġib id-data tad-9 ta' April 1905. Matul iż-żmein il-popolazzjoni bdiet tiżdied u saħansitra sa minn żmien il-Kappillan Antonjo Formosa Kerr (1926-1935) bdiet tinħass il-ħtieġa li titkabbar il-knisja, pero ċ-ċirkostanzi ma ppermettewx li dan il-proġett jinbeda.

Bejn l-1959 u l-1962 kien hemm il-ħsieb li minflok titkabbar il-Knisja parrokkjali, tinbena oħra ġdida fl-inħawi ta' l-Imħasel, fejn illum hemm it-*telephone exchange*, fi Triq San Ġorġ. Il-knisja kellha tkun monument nazzjonali f'ġiegħ il-miġja ta' San Pawl u l-Perit Turu Zammit ħejja pjanta ta' knisja f'froma ta' bastiment. Il-mudell ta' din il-knisja jinsab esebit fil-mużew tal-parroċċa. Fil-Kapitlu Konventwali li sar fil-11 ta' Lulju 1960 inħasset il-ħtieġa urġenti li tinxtara l-art ħalli jkun jista' jitwettaq dan il-proġett. L-art imsemmija ngħatat lill-Patrijiet Franġiskani Konventwali mis-Sorijiet Benedittini ta' l-Imdina b'obbligu ta' żewġ quddisiet fis-sena. Fit-12 ta' April 1956, qabel il-Kaptilu Provinċjali, nsibu li l-proġett kien għadu ma' nbediex u wara l-Kapitlu li sar fit-18 ta' Novembru 1965 il-Patrijiet ressqu talba lill-Provinċjal Patri Lwiġi Caruana għat-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali u b'hekk il-proġett tal-bini tal-Knisja f'ġieh San Pawl ġie abbandunat. Dak iż-żmien il-Kappillan kien Patri Tarċisju Chetcuti OFM. Conv.

Fl-1 ta' April 1966, f'jum id-Duluri tal-Ġimgħa l-Kbira, waqt il-quddies ta' qabel il-purċissjoni, il-Provinċjal Patri Lwiġi Caruana ħabbar li l-Patrijiet kienu se jibdew il-proġett tat-tkabbir tal-Knisja u ħeġġeġ lin-nies biex ikunu ġenerużi. Il-Perit Louis Naudi ħejja l-pjanta u l-Kuntrattur Anġlu Buhaġiar minn Ħaż-Żebbuġ beda x-xogħol f' Settembru ta l-istess sena. L-ewwel ġebla tal-pedament tpoġġiet fl-20 ta' April 1967. Jidher li l-kuntrattur iltaqa' ma ħafna diffikultajiet biex iwettaq ix-xogħol u dan wassal biex ix-xogħol għadda f'idejn il-kuntrattur Ġużeppi Gatt mill-Mosta. Ix-xogħol kien qiegħed jiġi mwettaq l-ewwel minn Anġlu Quattromani u mbagħad Salvu Xuereb. Fil-**11 ta' Awissu 1968** tbierket u tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-parti l-ġdida minn Mons. Isqof Emmanuel Gerada, fil-preżenza tal-Provinċjal Patri Rafel Gauci.

Il-parrinijiet għal din iċ-ċeremonja kienu l-Baruni Girolmu De Piro u l-Avukat Joseph Attard Montaldo. Il-Kappillan Patri Bonaventura Camilleri OFM. Conv. għamel dan id-diskors ta' l-okkażjoni :

*Eċċellenza Reverendissima, Wisq Reverendu Provinċjal, Sinjuri u Ħbieb. Irrid qabel xejn nirringrazzja f'isem ħuti l'Patrijiet ta' din il-kommunita' , u f'isem il-poplu kollu ta' San Pawl il-Baħar, lilek Eċċellenza Reveredissima, talli għoġbok tilqa' l-istedina li għamillek il-Wisq Rev. Patri Rafel Gauci, il-Provinċjal tagħna, għal din iċ-ċerimonja tal-lejla.*

*Bħalissa ma nistgħux ma nmorrux bil-ħsieb tagħna lejn ċeremonja oħra, li saret xi sittin sena ilu, meta' ġiet imbierka l-ewwel ġebla ta' din il-Knisja Parrokkjali minn Mons. Arċisqof Pietro Pace. Kemm sar tibdil u progress fil-parroċċa tagħna fil-ġirja ta' dawn is-sitta u sttin sena. Biżżejjed ngħidu li minn dak iż-żmien, imbnew erba' knejjes kbar fi ħdan it-territorju ta' San Pawl il-Baħar. Fost dawn il-knejjes nibda biex insemmi l-Knisja ta' Burmarrad, knisja ġmielha u mgħammra b'kollox; knisja oħra hija dik tal-Manikata li nbniet fit-tarf l-ieħor tal-parroċċa; imbagħad wkoll il-knisja tax-Xemxija, li qiegħda taħt il-ħarsien tal-patrijiet Kapuċċini; u fl-aħħarnett, iżda xejn anqas mill-oħrajn, il-knisja ta' Buġibba. Erba' knejjes mibnija f'medda ta' għaxar snin. Barra dan il-bini, irrid il-lejla nfakkar il-bini tas-Sala Parrokkjali li hija waħda mill-isbaħ swali parrokkjali tad-Djoċesi. Marridx inħalli barra il-Mużew sabiħ tas-Subien.*

*Quddiem dan l-iżvilupp u tkabbir territorjali tal-parroċċa, l-kommunita' tal-patrijiet tagħna, Franġiskani Konventwali, ħasset il-bżonn li hija wkoll tkabbar il-knisja parrokkjali tagħha. U għalhekk din iċ-ċerimonja tal-lejla. Dan kien bżonn li kien ilu jinħass għal dawn l-aħħar erbgħin sena, minn żmien il-Kappillan Patri Tonin Fromosa. Ix-xorti messet lilna li nwieġbu għal dan il-bżonn. Biex wasalna s'hawn aħna wrejna l-ħidma u t-tbatija tal-kappillani ta' qabilna li ħadmu bi sħiħ. Nirringrazzjaw minn qalbna lis-Sinjuri Grech, u dawk ta' Cesney li rregalawlna biċtejn art li flimkien iqumu madwar għaxar t'elef lira. Irrid nirringrazzja lill-Wisq Rev. Provinċjal, lid-Definitorju; nirringrazzja minn qalbi l-ġenerożita' tal-Parruċċjani kollha, u lil dawk il-ħbieb minn barra mill-parroċċa. Din il-ġenerożita' qegħdin narawha dejjem tiżdied speċjalment fil-ġabra speċjali li nagħmlu fil-Knisja fl-aħħar Ħadd ta' kull xahar; il-ġabra dejjem qabżet is-somma sabieħa ta' sebgħin lira.*

*Ċertament li l-aqwa u l-akbar Benefattriċi tibqa' għal San Pawl il-Baħar kollu l-qatt minsija Markiża Anna Bugeja, promotriċi ta' din il-knisja u ta' dan il-kunvent. Marija Addolorata, l-Omm u Reġina tal-Parroċċa tagħna, tbierek, tmexxi u ttemm din il-ħidma li sejrin nibdew !*

Biex setgħet titkabbar il-knisja kellu jittieħed il-ġnien u parti mill-kunvent l-antik, għalhekk fuq pjanta tal-Perit Louis Naudi nbena kunvent ġdid fuq in-naħa ta' wara tal-knisja. Dan il-kunvent ġie nawgurat u mbierek mill-Ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali, Patri Vitale Boummarco, fl-1 ta' Ottubru 1972.

Ix-xogħol tal-knisja baqa' għaddej fi żmien il-Kappillan Patri Serafin Galea (1969-1974) u ngħata spinta l-quddiem meta f'Lulju tal-1974 inħatar bħala Kappillan Patri Samwel Chetcuti OFM. Conv. Fit-18 ta' Marzu 1975 tniżżlu l-qniepen biex bejn din id-data u t-22 ta' Lulju 1975 seta jinħatt il-kampnar. Fl-14 ta' Settembru 1976 ntemm il-bini tal-knisja

minn ġewwa u fl-14 ta' Lulju 1978 inħatt il-ħajt li kien jifred il-parti l-ġdida mill-qadima. Minħabba n-natura tax-xogħol li kien għaddej, fl-1 ta' Awissu 1978, il-quddies beda jsir fis-Sala Parrokkjali. Fil-21 ta' Awissu 1978 daħlet gaffa fil-knisja biex ġiet illivellata l-art u taqla' l-presbiterju l-antik.

Il-Ħadd, l-1 ta' April 1979, sar il-ftuħ uffiċċjali meta l-Wisq Reverendu Provincjal P. Elia Vella OFM Conv. bierek solennement il-knisja mkabbra, fil-preżenza tal-Wisq Reverendu Monsinjur C. Xuereb, Vigarju Ġenerali. Il-programm ta' festi jidher fi tmiem dan l-artiklu. F'dak il-jum il-korteo akkumpanjat mill-Banda San Pawl, telaq mis-Sala Parrokkjali, u wara l-istess Banda San Pawl esegwiet programm mużikali fuq il-planċier fi Triq il-Parroċċa. Il-Kappillan Patri Samwel Chetcuti OFM. Conv. għamel dan id-diskors ta' l-okkażżjoni :

*Maħbub Provinċjal tagħna Patri Elija Vella, għażiż Dekan; Arċiprieti, Kappillani –Naxxar, Mosta, Burmarrad, Mġarr, Manikata u Għargħur – ħuti tal-Kommunita', reliġjużi, saċerdoti, tal-parroċċa tax-xitwa u tas-sajf, saċerdoti tal-missjoni, benefatturi u poplu kollu tal-kommunita' parrokkjali tagħna sew dawk li joqgħodu hawn, kif ukoll dawk li jiġu għall-villeġġjatura fostna u li aħna nħossuhom jagħmlu parti minna. Insellmilkom ! Intikom il-merħba għall-ftuħ solenni ta' dawn il-festi fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-parti l-ġdida tal-Knisja Parrokkjali tagħna.*

*Kienet ir-rieda t'Alla li qanqlet il-qalb tal-Markiża Anna Bugeja titlob lill-Papa Ljun XIII, il-barka u l-permess li tibni tempju lil Alla fl-okkażżjoni tal-bidu tas-Seklu 1900, mill-fidwa tal-bniedem. It-tweġiba ma' damitx ma rċevietha miktuba fuq l-istess ittra li bgħatet lill-Papa. Kien eżatt 75 sena ilu li l-Knisja ddedikata lid-Duluri tlestiet: 1904 u fis-sena ta' wara saret Parroċċa!*

*Sewwa sew wara 25 sena li tlestiet, il-poplu beda jikber b'tali mod li fis-sajf ma kienx ikun hawn wisa għal kulħadd. Għalhekk infetħu żewġ arkati tal-presbiterju u nfetħu żewġ kmamar ta' warajhom mill-Kuntrattur Emanuel Chetcuti u hekk ġiet maħlula problema għal ftit żmien ieħor.*

*Il-poplu baqa' jikber b'mod fenomenali fil-jiem tas-sajf u l-problema reġgħet dehret qawwija aktar minn qabel u din id-darba ma' setgħetx tiġi maħlula billi jiżdiedu kamra jew tnejn. Għalhekk il-kommunita' reliġjuża u parrokkjali ta' tlettax il-sena ilu, wara li stħarrġu fuq dak li hu l-aħjar, għażlet u ddeċidiet li twaqqa' d-dar tal-Markiża Anna Bugeja li kienet isservi ta' kunvent tal-patrijiet u fuq l-istess art titkabbar il-knisja minn naħa ta' wara, b'tali mod li l-parti l-qadima tibqa' tintuża sakemm titlesta l-parti l-ġdida.*

*Fl-1966 kien Patri Tumas Moore OFM. Conv. il-Gwardjan ta' din il-kommunita' li flimkien mal-Provinċjal Patri Lwiġi Caruana OFM Conv. għażlu lill-Perit Louis Naudi, lid-ditta Gatt Brothers Mosta Ltd. għat-twettiq ta' dan il-proġett kbir.*

*Ix-xogħol beda jsir minnufih u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-pedament sar fl-20 ta' April 1976. F'Awissu 1968 tqegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja, mbierka minn Mons. Isqof Emmanuel Gerada.*

*Ix-xogħol tal-bini tkompla taħt il-ħarsien tal-Provinċjal Patri Lwiġi Caruana, Patri Rafel Gauci u Patri Elija Vella u bit-tħabrik tal-Gwardjani u Kappillani, Patri Tumas Moore, Patri Serafin Galea, tal-Kommunitajiet reliġjużi preżenti s'issa u tal-poplu kollu.*

*Kien fis-7 ta' Lulju 1974 meta l-Mulej għoġbu jagħżilni permezz tal-Provinċjal preżenti, biex inservi ta' Kappillan u Gwardjan f'din il-parroċċa tagħna ta' San Pawl il-Baħar u ħassejt l-impenn u l-ħtieġa flimkien ma' l-kommunita' reliġjuża u parrokkjali, li ninbnew f'familja waħda ta' fidi, ta' talb u ta' mħabba. U li naraw aktar x'nistgħu nagħmlu aħna għall-parroċċa, milli l-parroċċa x'tista' tagħmel għalina. B'dan l-ideal quddiemna mxejna id f'id għalenija'l quddiem b'passi ta' ġgant f'kull qasam tal-ħajja parrokkjali.*

*Meta komplejna fhimna aktar lil xulxin u ħdimna qalb waħda għal għan wieħed, wettaqna mirakli fil-qasam tal-għaqda u tax-xogħol. Għalkemm il-parti tal-knisja l-ġdida kienet għadha tinbena, xogħol li kellu jsir wara li titlesta l-ġdida, ma ħallejnix għall-aħħar. Neħħejna l-artali tal-ġebel li kien ilu li spiċċa l-użu tagħhom f'erba' siegħat u minn flokhom saru erba' konfessjunarji ġodda u komdi tal-parana, b'tali mod li ma jgħalqux il-passaġġi.*

*Inġiebet Via Sagra ġdida mill-Italja, li taqbel ferm ma' l-istil tal-Knisja. Tneħħew is-siġġijiet u saru l-bankijiet tal-pitch pine għall-knisja kollha, qadima u ġdida. It-twieqi kollha tal-knisja nbidlu u saru ġodda bil-pittura, xogħol ta' Patri Sebastjan Scicluna OFM. Conv. Warajhom inħadmu ħmista- il tieqa tal-ħadid biex jipproteġu l-pittura u t-twieqi. Ingħataw tnejn u għoxrin fan għall-Knisja l-qadima u l-ġdida mis-Sur Mose u Stella Fenech għal aktar kumdita' fis-sajf. Tmien bibien ġodda tal-parana bid-disinn tal-ħadid u l-vilestruni tagħhom bil-pittura u disinn ta' Patri Sebastjan OFM Conv.*

*Inbnew żewġ sagristiji ġodda li fihom twieqi bil-pittura ta' l-istess Patri Sebastjan, paviment tal-irħam tal-knisja l-qadima u għamara ġdida għall-ħwejjeġ tal-knisja, disinn ta' Patri Dumink Bonello OFM. Conv. Inbniet ukoll sala fuq is-sagristija. Wara li ngħalqet il-koppla bix-xorok, ġiet miksija b'soffitt ta' l-injam li jirreżisti għall-ilma u saret il-pittura fuq it-tila ta' l-Ispirtu s-Santu, xogħol ta' Patri Sebastjan, li kompliet issebbaħ il-knisja u ġiet mogħtija mis-Sur Borg u martu. F'qasir żmien mbidlet is-sistema tad-dawl kollu tal-knisja, tas-sagristija, tas-16-il kamra li hemm mal-knisja, li ser iservu bħala ċentru għall-għaqdiet reliġjużi u ġiet użata s-sistema tad-dawl indirett. Ġie mogħti switch board mill-aktar modern bis-circuit unit breakers mis-Sur Tony Calleja. Ix-xogħol inħadem mis-Sur Jack Xerri, bi ftehim ma' l-Engineer, is-Sur Tony Calleja. Twaħħal id-dawl mal-faċċata tal-knisja kollha.*

*B'attenzjoni kbira nqala l-paviment tal-knisja l-qadima, tnaddaf u tqiegħed fis-sagristija l-ġdida. Twittiet l-art kollha, ġie mqiegħed il-P.V.C. plastic, mogħti mis-Sur John Borg, u ramel abjad taħt il-paviment ta' l-irħam kollu u l-presbiterju. Xogħol li sar bil-qalb minn nies tal-parroċċa. Il-paviment ta' l-irħam u l-presbiterju nħadmu bil-qalb mid-ditta E. S. Grech Marble Works, f'qasir żmien u bl-akbar dedikazzjoni. L-artal il-qadim ġie trasportat għall-parti l-ġdida bl-akbar delikatezza mis-Sur Carmelo Falzon. L-artal mejda l-ġdid ta' l-irħam inħadem bl-akbar preċiżjoni mid-ditta E.S. Grech, fuq disinn mill-isbaħ ta' Patri Dumink Bonello OFM. Conv. u mogħti mill-aħwa Ġużeppi, Rożi Marija u Giovanni Agius. Ampliphier, microphones u loudspeakers saru ġodda fuq il-parir ta' esperti Taljani u Maltin.*

*Inbena ħajt dobblu fil-kor il-qadim tal-knisja. Tneħħa l-ħajt il-qadim li kien jifred lill-knisja l-qadima mill-ġdida u reġa' tneħħa l-ħajt dobblu proviżorju fi ftit siegħat, bis-saħħa tal-koperazzjoni li dejjem sibna minnkom. Wara li tlesta l-unvjar miċ-ċinta tal-parti l-ġdida tal-knisja kienet stunata wisq il-parti l-ġdida ma l-parti l-qadima, għalhekk f'seba' t'ijiem ġiet imnaddfa miċ-ċinta l-isfel, xogħol li sar bil-ħeġġa mill-poplu tal-parroċċa tagħna. Il-pittura kollha sew it-titular, kapolavur ta' Cali', kif ukoll il-pitturi l-oħra ġew imnaddfa mill-pittur Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u minn Patri Sebastjan Scicluna OFM. Conv. Il-kuruturi ta' mal-knisja tneħħewlhom il-koxox tal-bibien u saru arkati żgħar miksija bl-injam. Il-kuruturi, il-btieħi u l-kmamar t'isfel sarilhom paviment ġdid tal-madum perlat mid-ditta Gove'.*

*Id-dawl tas-sittax-il kamra ta' mal-knisja (ċentru għall-għaqdiet reliġjużi) ġie magħmul ġdid, imkaħħal u mbajjad. Pariġġ is-sagristija l-qadima ġiet miftuħa sala u t- taraġ il-qadim tneħħa u sar ieħor ġdid, li jieħu għaċ-ċentru ta' l-għaqdiet. Taħt il-knisja l-ġdida tħammel u saret sala kbira li sservi bħala ċentru għall-familja. Ma rridx inħalli barra l-aħħar opra li qed issir illum, li tibqa' tifkira tal-ftuħ tal-knisja – l-orgni l-ġdid – opra li tintuża ħalli nfaħħru lill-Mulej bl-akbar imħabba u ħeġġa.*

*Kull biċċa xogħol li saret fil-knisja tagħna, warajha għandha diversi xhur ta' laqgħat u studju f'kummissjonijiet Provinċjali, Djoċesani, u Kommunitarji. Ġimgħat ta' ġiri għand periti, disinjaturi, etc. Ġimgħat ta' taħbit biex insibu ditti differenti ħalli ikollna aktar dawl u mnejn nagħżlu l-aħjar. Ġimgħat ta' taħbit biex inġibu l-flus. Ma dan irridu nżidu t-tfixkil bla qies u l-qtiegħ il-qalb li sibt kważi f'kull opra li għamilna ... minn xi ndividwi li taparsi jħobbu l-parroċċa għażiża tagħna ... Imma ebda' kumment ta' tfixkil ma kien kapaċi jnaqqas il-ħeġġa tagħna li naħdmu għat-twettieq ta' dan l-ideal li jkollna knisja parrokkjali li għandna biex niftaħru biha.*

*Ma' dan ix-xogħol nixtieq inżid ħafna u ħafna ġimgħat ta' xogħol li ma jidirx bħal kuntatti ma diversi ditti, korrispondneza, laqgħat, spustament tal-knisja għas-sala parrokkjali, tindif, ġarr u spustament ta' affarijiet, etc. li kieku kelli nsemmihom ma kont nispiċċa qatt.*

*Ta' dan kollu, l-ewwel ringrazzjament tagħna jmur lejn Alla, li minnu ġejja kull opra tajba u perfetta, lil Marija Santissima, patruna titulari tagħna, lill-Provinċjal, lill-Kommunita' reliġjuża u parrokkjali, lill-benefatturi li dejjem inkuraġġewna biex nimxu 'l quddiem u lin-nies tal-villeġġjatura. Lill-poplu kollu, b'mod partikulari lil dawk li ħallew ix-xogħol (irġiel, nisa, żgħażagħ u tfal) biex jgħinu bil-fatti l-Knisja Parrokkjali fit-twettiq ta' din il-ħolma li seħħet, kontra kull tama llum.*

Wara li ntemm id-diskors tal-Kappillan, il-knisja tbierket mill-Provinċjal Patri Elija Vella u tqaddset quddiesa konċelebrata mmexxija minnu. Il-Ħadd, 8 ta' April 1979, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca kkonsagra l-artal mejda u l-knisja parrokkjali.

Ix-xogħol mill-Kumpanija Gatt Bros. intemm 14-il sena u 20 jum wara li nbeda, meta' Salvu Xuereb lesta t-troll ta' fuq l-artal tas-Sagrament mill-invjar, it-Tnejn, 21 t' April 1980.